MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Numru 808/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**-OMISSIS-**
**-OMISSIS-**
**JOSEF BORG**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom -Omissis-

Josef Borg ta' 16 sena mwieled nhar it-12 ta' Novembru 1991 mwieled il-Pieta bin il-mejjet Carmelo u Anna Nee' Miceli residenti gewwa 58 triq Giovanni Barbara Hamrun detentur ta' Karta tal-identita Nru 578391M

U

-Omissis-

U gie akkuzat talli nhar it-30 ta' Awissu 2008 ghall-habta ta' 00.40am gewwa Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ittanta li jikkometti serq ta'ogetti min gewwa il-fond Bel Gusto a detriment ta' Kevin Azzopardi mill-Hamrun liema serq ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-Volonta tal-Imputat u dan ai terminu tal-artikolu 41(a), liema attentat ta serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, u bil-hin u dan ai terminu tal-artikolu 261, 263, 270, 279, 281 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

-Omissis-

Il-Qorti giet mitluba titratta ma l-imputati -Omissis- u Josef Borg bhala li irrendew ruhom ricedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti Tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi saru definitivi u dan ai terminu tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

U aktar talli l-istess -Omissis- u Josef Borg talli kisru il-kundizzjonijiet tal-Onorabbli Qorti imposti fuqhom mill-Onorabbli Qorti u talli ikkomettew reat waqt l-operat ta' Sentenzi sospizi b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati Ta Malta liema sentenzi saru definittivi.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhal Dok MTP1 u nnutat li l-imputat Josef Borg m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat Josef Borg, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u ommu, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Josef Borg bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit

taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat Josef Borg, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u ommu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat Josef Borg iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati l-imputat Josef Borg kien taht l-eta' ta' 18 il-sena u inoltre iddikjaraw li jaqblu li l-imputat Josef Borg kellu tfulija pjuttost difficli u llum l-imputat Josef Borg biddel hajtu u jidher li qabad it-triq it-tajba bl-ghajnuna tal-Probation Services u umilment issottomettu, ghar-rigward tal-akkuza tal-kommissjoni ta' reat waqt l-operat ta' Sentenza sospiza, u dana rigward is-Sentenza li vera kopja taghha giet esebita llum bhala Dok PA1, li l-Qorti ghandha tikkunsidra l-possibilta' li testendi l-perjodu operattiv tal-imsemmija Sentenza sospiza datata 25 ta' Dicembru 2007.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Josef Borg l-artikoli 17, 31, 37, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279, 280(2), 281 u 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Josef Borg, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li meta sehhew ir-reati l-imputat Josef Borg kien taht l-eta' ta' 18-il sena u ghaldaqstant japplika fil-konfront tieghu dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni u Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imsemmi imputat Josef Borg salv l-ahhar akkuza li tirrigwarda kommissjoni ta' reat waqt l-operat ta' Sentenza sospiza, tikkundanna lill-istess Josef Borg ghall-piena komplessiva ta' elf, tmien mija u erba' u sittin Euro (Euro 1864) multa u nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba

kontra l-imputat Josef Borg li tirrigwarda kommissjoni ta’ reat waqt l-operat ta’ Sentenza sospiza, u dana rigward is-Sentenza li vera kopja taghha giet esebita llum bhala Dok PA1, a tenur tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, testendi ghall-perjodu ulterjuri ta’ tlett (3) snin millum t-terminu ta’ erba’ u ghoxrin (24) xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta’ tlett (3) snin moghtija bis-Sentenza tal-25 ta’ Dicembru, 2007 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. L. Quintano LL.D. fl-ismijiet ‘Il-Pulizija Sp Mario Tonna vs Josef Borg’ (ara Dok. PA1) u kif diga’ estisa bis-Sentenza moghtija fit-3 ta’ Lulju, 2008 li vera kopja taghha tinsab esebita fl-atti ta’ din il-kawza bhala Dok PA2.

Il-Qorti spjegat lill-imputat Josef Borg bi kliem car ir-responsabbilta’ tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------